FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 17 TA' GUNJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR FRANS MICALLEF
VS
ANTHONY RIZZO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Rizzo ta' 55 sena bin Joseph u Maria Concetta Cirillo imwieled Marsa fis-26 ta' Settembru 1943 u li joqghod Perth, St Albert Street, Gzira ID No 368243M talli f'Tas-Sliema nhar id-29 ta' Awissu 1998 ghal habta tas-1.30am ghamel attentat vjolenti ghall-pudur ta' persuna femminili skond l-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tat-18 ta' Novembru 1998 fejn l-imputat ddikjara li mghandhux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi Anne Westwood ghamlet rapport l-ghassa tal-Pulizija illi l-imputat li kien taxi driver, kien abbuza minnha  waqt li l-gharus taghha Tim Paige kien hareg mit-taxi.

Xehdet illi hija kienet fit-taxi mal-gharus taghha u riedu jixtru hamburger u li t-taxi driver, l-imputat, qalilhom li kien jaf post tajjeb. Wassalhom sa dan il-post u waqt illi Tim, l-gharus taghha, hareg mit-taxi, l-imputat beda jistaqsiha domandi dwar ir-relazzjoni taghha ma’ Tim u kien qieghed jhares lejha mill-mera ta’ hdejn id-driver u beda jikkumplimetaha illi kellha saqajha sbieh. Illi l-kwerelanti kienet liebsa dublett qasir. Illi sussegwentement it-taxi driver dar fethilha saqajha u nizlilha il-qalziet u beda jmiss il-parti privata taghha.  Illi hija waqfietu pero hu hareg min got-taxi u qalilha illi ser jkollu x’jaqsam maghha.

Hi dak il-hin twerwret u bdiet tibki. Illi ftit wara gie Tim u beda jistaqsiha ghalfejn qed tibki u hi qaltlu illi d-driver kien messa. Tim talab lill-imputat jwaqqaf il-karozza, hareg hu min gol-karozza kif wkoll id-driver u Tim beda jigri wara l-imputat, waqt li l-imputat beda jitolbu skuza.

Xehdet illi huma kienu f’zewg bars jixorbu.

Tim Paige ikkonferma ix-xhieda tal-kwerelanti ghajr ghal dik il-parti li ma kienx presenti u qal illi l-imputat kien talbu skuza diversi drabi u kien qallu li kien lest li jwasslu id-dar minghajr hlas.

Illi huma kienu marru l-ghassa tal-pulizija ta’ Tas-Sliema sabiex jaghmlu ir-rapport.

Mix-xhieda tal-Ispettur Frans Micallef jirrizulta illi Anne Westwood u Tim Paige  irraportaw li xufier ta’ taxi, Anthony Rizzo, kien immolesta lill-istess Anne Westwood.

Spettur Micallef xhed illi kien interroga lill-imputat u innega kollox ghajr illi kien qed jistaqsiha domandi fuq livell personali. Ddikjara wkoll illi hija kienet fis-sakra u turi attegjament provokanti.

Mix-xhieda ta' WPS 85 Audrey Cassar illi kienet is-Surgenta illi hadet ir-rapport jirrizulta illi Anne Westwood kienet dahlet bi qmis u mini skirt u kienet dahlet imxengla il-ghaliex kienet fis-sakra. Kienet dahlet irrabjata u riedet taghmel rapport fuq l-imputat li immolestaha.

Xehdet illi l-kwerelanta riedet lill-pulizija taghti warning biss lill-imputat u ma riditx tiehu proceduri kontra tieghu, u l-gharus taghha Tim Paige kien ikkonvincieha sabiex jhallu il-bicca bi kwieta, izda l-ghada is-superjuri taghha ressqu lil Anthony Rizzo stante dak li gara kien sar f'post pubbliku.

PC103 Amato xehed illi kif dahlet il-kwerelanti kellmitu hazin, li kienet dahlet b'dublett qasir u li kienet xorbot, pero xehed li ma kenitx f'sakra li ma tarax art.

Illi mix-xhieda tal-imputat jirrizulta illi huwa mizzewweg u separat u li jahdem bhala taxi driver. Xehed illi f'dak id-data, lok u hin kienu gew koppja u talbuh jehodhom xi take away u allura iddecieda li jehodhom il-Golden Seven. Ipparkja il-karozza quddiem il-Golden Seven u nizel sabiex jixtri xi burgers.

Illi sakemm xtara il-burgers hu qabad konversazzjoni mal-kwerelanti, qaltlu li kienet teacher u li l-gharus taghha Tim kien bahri min Portsmouth.

Qaltlu illi dan l-ahhar kien qed jsir aggressiv u nervuz u li riedet titilqu.

L-imputat xehed illi dakinhar kienet il-festa ta' San Giljan u kien hemm hafna zaghzagh jiffesteggjaw u li hafna minnhom kienu zaqqhom barra. Innega b'mod veciforu illi huwa ghamel dawk l-affarijiet

Qal illi hi kienet mitluqa fuq is-seat ta' wara u f'posizzjoni komprometttenti b'saqajha miftuhin u minghajr hwejjeg ta' taht tant illi beza illi dawk iz-zaghzagh li kienu qed jiffestegjaw vicin il-karozza kienu ser jduru ghaliha.

Xehed illi wara ftit kien gie Tim Paige bl-ikel u dan beda jghajjat mieghu u jghidlu: "What have you done to my girlfriend?" u hu beza u hareg jigri mill-karozza il-ghaliex hu kellu diga xofa f'kaz iehor precedenti fejn kien gie aggredit minn passiggieri gharab.

Dan gie kkorroborat min Frans Gatt, taxi driver iehor illi gie jaghti l-ghajnuna lil Anthony Rizzo f'dan l-incident u kien hu illi wassal lill-koppja ingliza wara l-incident.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa ix-xhieda prodotta ma tarax illi il-kwerelanti Westwood bhala xhud affidabbli u issibha inkredibbli kif dan l-incident seta sehh fil-Golden Seven bl-gharus tal-kwerelanti ftit metri il-boghod f'post frekwentat min gzuz ta' nies b'mod partikolari minhabba il-festa ta' San Giljan.

Illi in oltre gie stabbilit b'mod ampju illi l-kwerelanti kienet xorbot sew u probabbli sforz dan is-sokor kienet hi provokanti sesswalment.

Illi in vista ta' dana kollu il-Qorti mghandhiex alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.